# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 31 ta' Ottubru 2000**

Numru 40

Citaz nru 383/95 DS

Emanuel Grech bhala direttur ghan-nom u in rapprezen tanza ta' E. Grech Cristal Bath Limited

vs

Igor Moskalenko, u b'digriet ta' l-24 ta' April 1995 gie kjamat fil-kawza r-Reverendu George Schembri

Illum, 31 ta' Ottubru 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-23 ta' Marzu 1995 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta:

Illi l-konvenut huwa debitur tal-attur fis-somma ta' hames telef erbgha mija u tlett liri (Lm5403.00) liema ammont jirrapresenta prezz ta' diversi oggetti u apparat tal-kamra ta' banju kif jirrizulta ahjar mill-annessa fattura markata Dok. A1;

Illi l-konvenut gie msejjah sabiex ihallas dan l-ammont izda baqa' inadempjenti;

Illi fil-fehma tal-instanti l-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet x'jaghti ghat-talba tal-attur peress li dan id-dejn huwa car, likwidu u dovut u ghalhekk il-Qorti tista' tipproduci u tiddeciedi l-kawza ai termini tal-artikolu 167 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

talab lil din il-Qorti :

1. Taqta' u tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine is-somma ta' hames telef erbgha mija u tlett liri (Lm5403.00) liema ammont jirrapresenta prezz ta' diversi oggetti u apparat tal-kamra ta' banju kif jirrizulta ahjar mill-annessa fattura markata Dok. A:

Bl-ispejjez kontra l-konvenut u bl-imghaxijiet legali minn-notifika ta' dan l-att sad-data tal-pagament effettiv. Il-konvenut huwa minn issa ngunt sabiex jidher personalment in subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

1. Illi s-somma ta' tlett elef mitejn u sbatax il-lira Maltija u disa' u sebghin centezmu (Lm 3217.79) mhix dovuta minnu, benche mir-reverendu George Schembri stante illi, in forza ta' kuntratt t'appalt konkluz bejn ir-Reverendu Schembri u l-konvenut, il-konvenut kien inkariga l-istess Reverendu Schembri sabiex jezegwi xogholijiet u jipprovdi materjali ghall-villa tieghu f'Santa Marija Estate, Mellieha, u attwalment r-Reverendu George Schembri kien ordna xi materjal minghand l-attur noe, u ghal liema kuntratt ir-Reverendu kien thallas mill-konvenut ghas-saldu kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u kopja tal-kuntratt in kwistjoni qed tigi annessa u mmarkata Dok. A.

2. Illi ghalhekk ghandu jigi kjamat in kawza l-istess Reverendu George Schembri, li minghandu hija dovuta s-somma fuq imsemmija;

3. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, ghal dak li jirrigwarda l-bilanc, u cioe' is-somma ta' elfejn mija u hamsa u tmenin liri Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm2185.21), liema somma hija bilanc mill-ordnijiet kollha maghmulin mill-konvenut, l-attur noe kien offra lill-konvenut skont ta' ghaxra fil-mija mill-bilanc kollu dovut mill-konvenut, liema offerta kienet giet accettata mill-konvenut, kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u ghaldaqstant, ghanda titnaqqas somma ekwivalenti ghal ghaxra fil-mija (10%) mill-bilanc kollu li kien dovut mill-konvenut;

4. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, is-somma ta' elf erba' mija u tlieta u disghin liri Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm1493.58) mhix kontestata;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza fejn qal:

1. Illi huwa m'ghandu jghati xejn lis-socjeta' attrici u dana kif sejjer jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi ghal kull fini l-esponent jirrileva illi huwa ippresenta kawza fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet "Reverendu George Schembri - vs- Igor Moscalenko" (Cit. Nru 130/95 FDP) appuntata ghas 16 ta' Gunju 1995 fejn l-esponenti qed jitlob li l-konvenut jhallsu is-somma ta' Lm 1702.00,0 liema somma hija dovuta lilu u tirrapresenta bilanc ta' somma akbar.

Rat id-digriet tad-19 ta' Gunju 1995 fejn giet nominata l-assistenta gudizzjarja Dr. M'Dolores Gauci sabiex tiehu x-xhieda u tircievi dokumenti;

Rat il-verbali tax-xhieda, l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Is-socjeta` attrici qed titlob minghand il-konvenut hlas fis-somma ta' Lm5403 ghal diversi oggetti u apparat tal-kamra tal-banju skond fattura esebita mac-citazzjoni bhala Dok. A (a fol. 5). Il-konvenut isostni li minn din is-somma ghandu jhallas Lm3217.79 il-kjamat fil-kawza Rev. George

Schembri filwaqt li, wara li jitnaqqas skont ta' 10%, baqaghlu jhallas biss Lm1493.58.

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut u l-kjamat fil-kawza kienu ghamlu kuntratt ta' appalt  biex dan ta' l-ahhar jehodlu hsieb diversi xoghlijiet f'villa li l-konvenut kien akkwista f'Santa Maria Estate, Mellieha. Gew ukoll miftehma l-prezzijiet relattivi. Ghal dak li jirrigwarda xoghol tal-kmamar tal-banju l-konvenut u l-kjamat fil-kawza kienu marru flimkien ghand is-socjeta` attrici u l-konvenut ghazel dawk l-affarijiet li xtaq juza ghall-villa. Il-prezzijiet kwotati fil-kuntratt ta' appalt kienu jinkludu l-prezz ta' dawn l-oggetti. Il-konvenut kien jibghat pagamenti lill-kjamat fil-kawza u dan iqassam ghax-xoghol li jkun sar u ghall-materjal akkwistat. Gara li qabel ma gie terminat l-appalt, peress li dan ma giex kompletat fit-terminu miftiehem, il-konvenut waqqaf lill-kjamat fil-kawza milli jkompli bix-xoghol u ghalhekk naturalment il-kjamat fil-kawza ma thallasx l-ammont kollu stipulat fil-ftehim. Barra min hejj jidher li fil-kors tax-xoghlijiet saru tibdiliet li kienu jimportaw zieda fl-ispejjez.

Irrizulta li meta mkien ghadu nkarigat mix-xoghlijiet il-kjamat fil-kawza, is-socjeta` attrici fethet kont f'ismu u thallsu xi akkonti. Meta l-kjamat fil-kawza twaqqaf mix-xoghol, kien ghad baqa' bilanc ta' Lm3217.79 li gie trasferit ghal kont gdid f'isem kemm il-konvenut kif ukoll l-istess kjamat fil-kawza peress li l-konvenut stess baqa' jaghmel ordnijiet minghand is-socjeta` attrici.

Is-somma komplessiva ta' Lm5403 mhijiex kontestata, la mill-konvenut u lanqas mill-kjamat fil-kawza u ghalhekk m'hemmx dubju li hija dovuta.

Il-konvenut, kif diga` ntqal, jippretendi li m'ghandux ihallasha kollha hu. Il-Qorti ma tistax tikkondividi r-ragunament tieghu. Fil-fatt ma jirrizultax, kif allega fl-eccezzjonijiet tieghu, li huwa hallas lill-kjamat fil-kawza ghas-saldu. Ma jirrizultax li meta l-konvenut kien jibghat pagamenti lill-kjamat fil-kawza, specifika li ammontpartikolari kellu jithallas direttament lis-socjeta` attrici; halla kollox fid-diskrezzjoni tal-kjamat fil-kawza li kien qed jiehu hsieb l-appalt kollu u mhux merament dak li kellu x'jaqsam mal-kmamar tal-banju. Kien hemm haddiema x'jithallsu u materjal iehor x'jithallas ukoll. L-ordni originali wara kollox ma kenitx saret mill-kjamat fil-kawza izda mill-konvenut. Ix-xoghol intbaghat f'isem il-kjamat fil-kawza peress li kien hu li kellu jiehu hsieb ix-xoghol involut u l-konvenut m'ghandu l-ebda dritt jippretendi li l-kjamat fil-kawza jhallas minn butu. Ghalhekk is-somma totali ta' Lm5403 trid tithallas mill-konvenut.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjoni tal-kjamat fil-kawza u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju, tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talba attrici fil-konfront tieghu billi tikkundanna lill-konvenut Igor Moskalenko jhallas lill-attur nomine s-somma ta' Lm5403 kif mitlub u bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni. Bl-ispejjez kollha kontra l-istess konvenut Igor Moskalenko.

**Onor. Imhallef**
**Dottor David Scicluna**

**D/Registratur**